# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Illum 15 ta’ Lulju2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Rennie Stivala)**
**vs**
**Dmitrijs Vlasenkovs**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Dmitrijs Vlasenkovs, detentur tal-passaport tal-Latvja bin-numru LV 5548792:

Akkuzat:

**F’isem id-Direttur Ġenerali tad-Dwana**

1. Talli fl-14 ta’ Lulju 2017, mal-wasla tiegħu f’Malta minn Istanbul mat-titjira TK1371, ġewwa l-Mitjar Internazzjonali ta’ Malta, xjentement, naqas li jiddikjara lill-Uffiċjali tad-Dwana, billi għadda mill-*Green Channel* bi kwantita’ ta’ sigaretti u cioe 120 kartuna, b’200 sigarett kull kartuna, *WINSTON BLUE***.** Dawn is-sigaretti, li l-importazzjoni tagħhom hija projbita u/jew ristretta u/jew limitata, għandhom Valur ta' €696.00, Dazju tas-Sisa dovut ta’ €3,960.00, kif wkoll Dazju ta’ Importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) li jammontaw għal €400.90 u €910.24 rispettivament, fejn liema Dazji u Taxxa ma ġewx imħallsa u/jew kawtelati.

**F'isem il-Kummissarju tat-Taxxi,**

2. Talli fl-14 ta' Lulju 2017, mal-wasla tieghu f'Malta minn Istanbul mat-titjira TK1371, ġewwa l-Mitjar Internazzjonali ta' Malta, xjentement, naqas li jiddikjara lill-Uffiċjali tad-Dwana, billi għadda mill-*Green Channel* bi kwantita' ta' sigaretti u cioe 120 kartuna, b'200 sigarett kull kartuna, *WINSTON BLUE***.** Dawn is-sigaretti, li l-importazzjoni tagħhom hija projbita u/jew ristretta u/jew limitata, għandhom Valur ta' €696.00, Dazju tas-Sisa dovut ta' €3,960.00, kif wkoll Dazju ta' Importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) li jammontaw għal €400.90 u €910.24 rispettivament, fejn liema Dazji u Taxxa ma ġewx imħallsa u/jew kawtelati.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-*Money Laundering*, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A (2) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-imputat.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'każ ta'sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-akkużati għal ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ammetta l-imutazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunisdra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat minn-naha u min-naha l-ohra l-

koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-porceduri u l-fedina penali netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 60(a)(b)(c)(k), 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k), u l-paragrafu (a) tal-proviso tal-artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli l-artikoli 16(1)(j) u 17(1)(a)(d) tal-Kapitolu 382 tal-L-igjiet ta' Malta, l-artikolu 80 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 22(4) tat-Taqsima III tar-Regolamenti tad-Dwana, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikundannah **sitt xhur prigunerija** u **multa ta' tlettax il-elf u tnjen u tmenin elf Euro u sebghin centezmu (€13,082.70)** li terz minnha (u cioe €4,360.90) ghandu jitqies bhala dejn civili pagabbli lid-Direttur Generali tad-Dwana; il-multa ghandha tithallas fi zmien erbgha xhur. In konkluzzjoni l-Qorti qed tordna l-konfiska ta'l-oggetti indikati fin-nota ta' qbid 154/2017 favut il-Gvern ta' Malta.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**